*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 27**

**It-Tnejn 23 t'Awwissu 2021.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixrid tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Ryan Portelli- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Errol Cutajar - Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**27.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsillier is-Sur Errol Cutajar ser ikun assenti b'ittra ta' apoloġija.

**27.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 25 li saret Nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju 2021:</u>***

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati bħala dokument korrett u lis-Sindku s-Sur Mario Calleja ssekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**27.2.3** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 26 li saret Nhar it-Tnejn 16 t'Awwissu 2021:</u>***

**27.2.4** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi f'paġna 2 #26.7.1 paragrafu 6 għandha tinbidel u issir kif ġej:

*'Il-Viċi Sindku staqsiet għaliex ma kinitx saret il-public consultation u huma irrispondew li saret waqt l-istadju tal-PMC u aħna tlabna sabiex il-konsultazzjoni terġa ssir.'*

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi f'paġna 3 #26.7.3 paragrafu 5 għandha tinbidel u issir kif ġej:

*'Il-Viċi Sindku saħqet illi jekk biss it-TMalta ma jirtirawx il-proposta li l-kumitat għandu jiġi iffurmat. Hija qalet li aħna mhux qedin ngħidu li favur ta' din il-proposta, imma talbu li la qed jgħatuna ċans inkunu parti mil-konsultazzjoni peress li qatt ma konna parti mill-konsultazzjoni.'*

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud ppproponiet l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u l-Kunsillier il-Perit John Schembri issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**27.2.5** **<u>Matters arising:</u>**

**<u>Laqgħa Nru 25 tat- 12 ta' Lulju 2021.</u>**

**27.2.6** Ma kien hemm l-ebda matters arising.

**27.2.7** **<u>Matters arising:</u>**

**<u>Laqgħa Nru 26 tas-16 t'Awwissu 2021.</u>**

**27.2.8** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi rigward il-kumitat li semma hu jaqbel mal-Viċi Sindku illi jaqbel li din il-proposta li issir marina ma tigix milqugha pero jhoss li l-Kunsill xorta wahda ghandu jkollu kumitat li jirraprezentah f'laqghat li jista jkun li jsiru u tajjeb li l-Kunsill ikun hemm u jiddiskuti magħhom u ngħidulhom aħna x'għandhom bzonn ir-residenti.

Is-Sindku qal illi TM stess saqsewna sabiex ntughom is suggerimenti taghna.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon illi din ma semmewiex fil-meeting izda fit-telefonata li kellhom mas-Sindku s-Sur Mario Calleja.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li la darba il-Kunsill qabel li naqblu mal mozzjoni għandna nzommu magħha u ma jizdied xejn fuqha.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk jibgħatu għalina biex nididskutu ma jmur ħadd? Għaliex hu jaħseb li għandu mqar ikun hemm persuna maħtura fejn jattendi għal xi laqgħat li jaf ikun hemm il-quddiem.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi f'dak il-kaz l-Kunsillier responsabbli mit-Trasport u infrastruttura jattendi hu għal dawn il-laqgħat.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi anke ambjent jidħol.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi din il-proposta ghandha tiġi rtirata u jekk ikun hemm proposta oħra il-Kunsill għandu jkun infurmat mill-bidu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja staqsa jekk din il-proposta ma tiġix irtirata x'ser jiġri.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi għalhekk qalet li jekk dawn ma jonorawx il-mozzjoni hemm biss għandna nitkellmu u noħolqu dan il-kumitat pero mhux biex naqblu mal-proposta.

Is-Sindku qal illi jekk issir porposta oħra bl-istess ideja xorta waħda mahniex ser naqblu.

Il Viċi Sindku qalet illi għandhna dejjem nzommu mal mozzjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi min naħa tiegħu hu bgħat il-mozzjoni lill-Ministru u għamel ċar li l-pozizzjoni tal-Kunsill hi li ma jaqbilx mal-proposta u jekk ser jiddiskutu proposta ta' marina izgħar xorta waħda l-Kunsill ma jaqbilx, l-unika ħaġa li l-Kunsill jaqbel magħha hi li jiġu irranġati l-irmiġġi ezistenti pero jaqbel li xi ħadd mill-Kunsill għandu jkun osservatur f'xi laqgħat li jista jkun li jsiru pero ma jkunx parteċipi fil-laqgħa pero nkunu qedin hemm biex dejjem insostunu l-posizzjoni tal-Kunsill.

**27.3 <u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>**

**27.3.1 <u>Marsaskala Futsal (35/2361/21/I)</u>**

Is-Sindku qal illi hu ġie avviċinat minn persuna li jieħu ħsieb il-grupp tal-futsal f'Marsaskala fejn qallu illi peress illi huma m'għandhomx post adattat sabiex ikunu jistgħu jilgħabu qed ikollhom jikru grawnd li b'kollox qed jiswijhom mat-€3500 fis-sena b'hekk is-Sindku qed jitlob lill-Kunsill biex bħal ma dejjem tgħajna l-għajnuna lill-għaqdiet sportivi l-oħra nkunu nistgħu ngħinu anke lil din l-għaqda anke jekk ma ngħatux l-ammont sħiħ.

Isd-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dawn għandu jkollhom riċevuta fiskali.

Is-Sindku qal illi jekk il-Kunsill jaqbel hu ser jgħamel ktieb tal-vat hu qal illi ilhom xi ħames snin f'dan il-grupp.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech staqsa jekk dan il-grupp għandux x'jaqsam mall-Marsaskala Football club.

Is-Sindku qal illi m'għandhomx x'jaqsmu.

Kien hemm qbil li ngħatu l-ammont ta' €2000 fis-sena

**27.3.2 Skema tal-Playingfields:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi sfortunatament għalkemm din l-iskema kienet ġiet approvata mill-Kunsill il-BOQ's daħlu tard min naħa tal-Perit u għalhekk id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ma aċċetalniex l-applikazzjoni tagħna pero din l-iskema ser terġa toħroġ is-sena id-dieħla u issa li għandu d-dokumenti kollha f'idejh inkunu nistgħu napplikaw mal-ewwel.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi xtaq isemmi ukoll l-iskema tal-Wifi li l-Kunsill kien rebaħ fejn ġie nfurmat illi l-wifi mhux ser isir biss f'wesgħa Alfred Debono izda ser isir ukoll fi Ġnien San Tumas u ser nibenefikaw anke mill-internet b'veloċita għolja għal ħames snin u nkunu nistgħu naqtaw is-servizz li għandna fil-prezent u b'hekk inkunu qed nifrankaw il-flus.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi xtaq jinforma lill-Kunsill illi x-xogħol fi Ġnien David Vella għaddej ġmielu u dan ser jiġi mħallas mill-elektrogas.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi ġiet infurmata min naħa ta Ambjent Malta illi ser isir proġett kbir fi Ġnien San Tumas fejn ser isir tħawwil ta' siġar indiġini ser jieħdu ħsieb li jsir drip irrigation, ser ineħħu l-qlugħ tal-pjanti invazivi u ser jgħollu l-livelli tal-ħamrija. Dawn ġew jagħmlu spezzjoni u ser jibgħatu pjanti 2D sabiex japplikaw għal permessi tal-ERA pero l-Kunsill ikollu jieħu ħsieb il-monitoring u għalhekk meta jkun ser jibda l-proċess inkellmu lill-ġardinar biex ikun jista jara kif taħdem is-sistema tal-irrigation eċċ.

**27.3.3 Estensjoni tal-impjieg tas-Sur Joe Fava:**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi s-Sur Joe Fava diġa kellu estensjoni tal-impjieg għal sena pero wasal biex jittermina l-impjieg tiegħu u jħoss illi hu ta' valur kbir għal Kunsill għaliex jgħamel ħafna xogħol li l-ħaddiema l-oħra tal-Kunsill ma jistgħux jgħamlu għaliex għandhom xogħol ieħor u għalhekk qed jitlob lill-Kunsill jekk jaqblux li nibgħatu lid-Dipartiment sabiex nitolbu għal estensjoni ta' sena oħra għal impjieg tiegħu.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**27.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**27.5 Rapporti:**

Ma kien hemm l-ebda rapporti.

**27.6 Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm items oħra.

**27.7 Korrispondenza:**

**27.7.1 Reply to Management Letter for the financial year ending 31 December 2020:**

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega illi wara li awdituri ġew il-Kunsill għamlu l-kummenti tagħhom u l-Kunsill għalaq tajjeb u anke jekk kien hemm xi nuqqasijiet li l-Kunsill ser jindirizza anke mall-accountant tal-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi wieħed mill-kummenti kien fuq id-defibrilator li ingħata lill Kunsill b'donazzjoni minn friends of Marsaskala fejn jinsab fil-latrina ta' taħt il-knisja pero għalkemm il-Kunsill ma ħariġx flus għalih l-awdituri iridu li nsaqsu lill friends of Marsaskala kemm ġie jiswa fuq invoice u nkunu irridu nziduha fl-assi tal-Kunsill.

Is-Sur Patrick Camilleri qal illi rigward id-defibrillator dan ser ikunu available għal pubbliku biex jintuza għaliex dan hemm bzonn li jkollu camera fuqu biex ma jkunx hemm abbuzi fuqu jew jinsteraq.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fil-latrini ma tista qatt ikun hemm camera.

Is-Sindku qal illi ilu mwaħħal sentejn pero qatt ma nsteraq u fil-ħinijiet ta filgħodu jkun hemm l-attendant tal-latrina pero mal-lejl ikun waħdu.

Is-Sindku qal illi f'Marsaskala ikun hawn ħafna b'vandalizmu alaħares ma jkollnix manutenzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal appuntu għalhekk qed jgħati dan is-suġġeriment għaliex dan jiswa ħafna flus apparti mill-fatt li għandu jkun hemm jekk qatt ikun hemm bzonn l-uzu tiegħu.

Is-Segretajru Ezekuttiv qal waħda mill-affarijiet li jridu jsiru hu li jsir service kull tlett xhur li jkun *preventative maintenance* fuq dan id-defibrillator għaliex dan huwa responsabilita' tal-Kunsill li dan ikun jaħdem dejjem.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri staqsa jekk dan l-apparat hux ser ikollu *insurance* li tkoprih.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi peress illi qiegħed barra l-insurance ma tkoprikx għaliex lanqas il-playingfields ma għadha taqa taħt insurance persli huma *goods out in the open*.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi nistgħu ngħamluh f'post mizmum u mhux fuq barra dan biex inkunu nistgħu nkopruh b'insurance.

Il-Kunsillier is-Sur Partick Camilleri qal illi nistgħu nagħmluh fl-għassa tal-Pulizija.

Is-Sindku S-Sur Mario Calleja qal illi l-quddiem nistgħu nibdlu l-post fejn npoġġuh.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi jaħsebh li l-għassa hija l-aħjar post għaliex hija faċli biex isiba kulħadd.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi ma tantx ser ikun aċċessibli jekk ser ikun ġo l-għassa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan is-suġġett jista jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss u rigward il-management letter informa lill-Kunsill illi hu flimkien mal-accountant bgħatu r-risposta kollha meħtieġa mill-awdituri.

**27.7.2 <u>Request for Direct Order purchase of Council van :</u>**

Is-Segretarju ezekuttiv qal illi l kunsill kien qabel illi jinxtara van bl ammont ta €30,000 biex jintuza fil-Kunsill u għalkemm ħriġna tender kellna biss offerent wieħed u kien non compliant.

- ***<u>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri daħal għal laqgħa 18:39</u>***

Is-Segretarju Ezekutttiv qal illi s-suppliers il-kbar mhux ser joqgħodu jisottomettu tender għalhekk hu bagħat lil Contracts Manager biex iġib stimi ta' van second hand b'sentejn garanzija parts u labour u l-prezzijiet huwa kompetittivi ħafna u qed jikkordina mad-Dipartiment sabiex ikunu jistgħu jtuna il-go ahead biex noħorġu l-flus b'direct order pero jixtieq l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv pprezenta it-tlett stimi lill-Kunsill u infurmhom li dawn jaqgħu fil-bracket tad-direct order li ma taqbisx l-amont ta' €10000+vat u jekk il-Kunsill jaqbel ukol jista jibgħat it-talba tagħna lil Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tkellem anke mal-ħaddiem li ser ikun qed juza l-van anke biex jara jekk dan il-van jidħolx fil-garaxx tal-Kunsill u mit-tlett stimi l-aktar wieħed li japella għal ħaddiema dak li għandu it-tail lift li hu tad-dita Toyota li huwa komdu jekk ikolna bzonn ntelaw l-apparat fuq il van filwaqt li t-tieni l-aħjar offerta huwa vann Isuzu mil-istess supplier.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk humiex Euro 5.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal li l-istimi kollha huma Euro 5.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal jekk nistgħux nikru minflok nixtru għaliex jekk ngħamlu hekk ikollna il-garanzija u service inkluz u jkolna moħna mistriħ li sa ħames snin jekk inqala xi ħaġa dejjem ħa tkun koperta jew itik ieħor u wara li jkun għadda iz-zmien tal-kiri tkun tista tixtriħ bi prezz baxx.

Is-Sindku qal illi jaħseb li l-kiri ta' van ser ikun għoli aktar milli kieku tixtirh.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu jaħseb li kiri għandek mas-€7000 fis-sena.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi għal l-uzu li ser jintuza jħoss li bil-kiri jkun aħjar għax ma jafx kemm jista jservina.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-van li għandna fil-prezent ilu ħmistax-il sena għandna u xtrajnih second hand.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi nistgħu niċekjaw kemm tiswina il-kirja pero m'għadniex nistennew sal-laqgħa li jmiss għaliex inkella jkun tard wisq.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi sakemm id-Dipartiment ser joħroġilna l-approval jistajkun li l-van jinbiħ u minħbba il-kiri dik trid tkun maħduma b'mod ieħor li toħdilna xi xahrejn oħra u l-van prezenti tal-Kunsill li għandna jinstab fi stat gravi qed nonfqulu ħafna flus xorta waħda.

* Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi xi ħadd bgħatlu messaġġ min għand xi ħadd li qal li nistgħu ngħamlu difibrillator fil-klinika l-ġdida li ser ikun hemm mall-Kunsill il-ġdid.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kieku jkun tajjeb li nġibu ieħor għal klinika.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jista jkun illi l-klinik tkun mgħamra biħ diġa pero tajjeb li nistaqsuhom biex inkunu ċerti.

Kien hemm qbil.

**27.2.2** Is-Segretaru Ezekuttiv staqsa lill-Kunsill jekk hux ser nipproċedu billi nibgħatu t-talba tagħna lid-Dipartiment minħabba id-direct order tal-van Toyota bit-tail lift li jiswa €11300 u naraw jekk din tiġix aċċetata umbagħad naraw jekk id-dealer ikunx għad għandu dan il-van. Fil-kaz it-tieni l-aħjar offerta tkun il-van Isuzu mingħand l-istess showroom ta' Ventur Motors ta' Ħal Lija li jammonta għal €11680 bil-VAT inkluz u li għandu inqas mili mit-Toyota pero m'għandux tail lift.

Is-Sindku qal illi kellu jzommu għal ġimgħa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ma jafx kemm ser idum id-Dipartiment biex itina risposta.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**27.7.3 <u>Design contest (35/2251/21/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fis-seduta 25 il-Kunsill kellu jirispondi lis-Sur Fsadni li huwa responssabbli mil-MTA rigward id-design contest propost.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi s-Sur John B Camilleri u s-Sur Ryan Portelli attendew għal laqgħa fuq dan is-suġġett.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi s-Sur Fsadni qal illi d-design contest ma tistax issir f'daqqa.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi s-Sur Kevin Fsadni qal illi jkun impossibbli li jkun proġett wieħed għal Wied il-Għajn kollu pero filwaqt li hemm bzonn master plan imma fid-design contest jgħamel referenza għal analizi li l-vizjoni tkun tgħamel sens u mitlub mill-bidders illi jekk ser jirranġaw triq partikolari iridu jgħidu għalfejn bidlu dik it-triq u kif ser taffetwa t-toroq tal-madwar għalhekk għalkemm ma sarx f'qafas ta' Marsaskala kollu dawn xorta iridu jispeċifikaw ir-raġuni u x'konsegwenza ser ikun hemm fiz-zoni tal-madwar.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi waqt il-laqgħa ħareġ il-punt illi l-Periti tal-MTA jixtiequ li l-Kunsill jibgħat il-feedback li kellu mingħand ir-residenti sabiex ikunu jistgħu joħduhom f'kunsiderazzjoni fil-fazi tal-aġġudikazzjoni.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi s-soltu jkun hemm portal fejn in-nies ikunu jistgħu jgħaddu l-feedback tagħhom hemm.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi meta tlabna suġġeriment mingħand ir-residenti din it-talba kienet miftuħa għal titjieb f'Marsaskala u għalhekk il-Kunsill irċieva diversi proponimenti li m'għandhomx x'jaqsmu mad-deisgn contest fejn minnhom huma fuq bankini, parkeġġi eċċ.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tħoss li hemm zewġ affarijiet li qed jikkontradixxu lill xulxin għaliex id-Deisgn contest u l-Pre Qualification questionnaire tat-TM rigward proposta għal marina qed jindirizzaw l-istess zona f'Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camiller qal illi l-MTA tat estensjoni sa Diċembru għal proposti tad-Design contest.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jidher li hemm kunflitt bejn iz-zewġ proġetti u ma jafx jekk bħala kunsill għandnix niġbdu lattenzjoni tal-MTA dwar dan.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi nistgħu ngħidu illi kemm il-darba l-Kunsill ma ġiex ikkonsultat fuq il-proġett tal-marina tat-Transport Malta ma setgħax jinfurmhom illi kien hemm id-Design contest ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi jekk alaħres qatt l-proġett tal-marina iseħħ wara li jkun sar il-proġett tal-MTA illi dan mhux ser ikun magħmul biex jilqa l-marina x-xogħol li jkun sar ikollu jerġgħa jsir għaliex ma jkunx adattat għal marina speċjalment fejn jido#ħol ilma u drenaġġ.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi tajjeb ninfurmaw lil MTA li jekk ser jgħamlu d - design contest hemm il-proposta tal-marina pero il-Kunsill ma jaqbilx magħha.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ċert li l-MTA issa saret taf bil-proposta tal-marina.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi kien hemm rapport mill-Maritime Authority fl-2009 meta għamlu studju fuq lokalitajiet f'Malta li jista jkun hemm Marina fihom fosthom f'Marsaskala u kien hemm proposta li jsir 383 irmiġġ għaliex il-post ma jiflaħx aktar min hekk mentri fil-proposta tat-Transport Malta li hemm fil-prezent dawn qed jipproponu 700 irmiġġ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fil prezent hemm 567 pero TM qed jgħidu li minimu għandu jkun hemm 700. Is-Sur John B Camilleri qal illi minn Ġunju tal-2017 il-maritime ma baqatx tilqa aktar reġistrazzjonijiet għal irmiġġi u għalhekk hemm mijiet oħra li għadhom qed jistennew li jirreġistraw.

Is-Sindku qal illi kif inhi proposta zgur mhux ser naqblu fuqha.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi qed jaħseb fuq x'għandna nibgħatu lis-Sur Fsadni rigward id-Design Contest u staqsa jekk fil-mument li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala ser jiġbed l-attenzjoni li hemm il-proġett propost tal-marina li ma naqblux miegħu jista jagħti il-kaz illi Transport Malta umbagħad jinfurmaw lill MTA sabiex il-proċess tad-design contest jieqaf sakemm jistennew l-ezistu tal-marina u nispiċċaw mingħajr il-proġett tal-MTA.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi timmaġina li huwa proċess li jrid isir.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi bħala Kunsill qatt ma ikkumentajna jekk naqblux jew le mad-Design contest pero għaliex irridu li naraw liem disinn ikun magħzul u hemmekk inkunu nistgħu niddiskutuh u naġġudikawh pero jibza li TM iwaqqfu kollox min naħa ta' TM.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet illi huma jistgħu iwaqqfuh pero l-Kunsill jistgħa joġġezzjona

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi għandna niftakru illi l-Kunsill mhuwiex il-klijent tal-proġett tad-Design contest.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma jimmaġinax li jistgħu iwaqqfuh.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi jekk hemm ċans li bid-design contest inzidu aktar siġar u tisbieħ ta dan it-tip u nitilfu din l-opportunita ma jixtieqx jieħu dak iċ-ċans. Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi l-Kunsill mhuwiex id-decision maker tal-ebda proġett kemm dak tal-marina kif ukoll tad-design contest.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi la darba niġġudikaw dejjem nzommu f'moħħna x'ħa jgawdu minnu l-komunita`.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet illi l-proġett tal-marina ġiet eskluza u d-design contest m'għandux ikollu l-proġett tal-Marina inkorporat fih.
Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi hu jispera li l-marina tiġi mwarrba pero il-Kunsill m'għandux kontroll fuq id-deċizjonijiet finali u l-proġett tal-marina għadu miftuħ.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet illi ma taħsibx li ħa jmorru kontra id-deċizzjoni tal-Kunsill.

Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi bħala Kunsill għandu saħħa aktar għaliex għandu l-maġġoranaza tar-residenti li ma jaqblux lanqas ma dan il-proġett.

Kien hemm qbil unanimu illi ma nibgħatux lill MTA fuq l-proġett tal-Marina għaliex dawn huma zewġ proġetti li huma jafu bihom u tajjeb li l-Kunsill ma jidħolx fiha.

**27.7.4** **<u>Post ta' allokazzjoni għal-e scooters (35/2302/21/O):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din intbghatet mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jitolbu l-Kunsill sabiex jgħati postijiet jalloka fejn jistgħu jitpoġġew dawn l-escooters.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-operat tagħhom għandu jdur il-lokal u jara li l-iscooters biex jitpoġġew f'posthom.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb li niltaqaw magħhom sabiex niddiskutu aħjar.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li mhux ser li jitħallew fuq il-bankini u ma jitħallix aċċess.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jekk il-persuna ser tuza l-escooter bix tmur min post għal ieħor dan ser jitħalla fejn ikun wasal.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet għalhekk mhux min juza l-escooter ser jgħamel dik il-proċedura izda min naħa tal-operatur għandu jdur il-lokal biex iqedhom f'posthom u nallokaw zewġ postijiet fejn jistgħu jipparkjawhom biex ikunu aċċessibli għal kulħadd.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja staqsa kif taħdem il-proċedura.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi din tnizzel application fil-mobile tħallas il-flus u tkun tista tuza din l-iscooter.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet illi tajjeb li l-iscooters ikunu miġbura u mhux jizgombraw il-bankina.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi r-responsabilita hija tal-kuntrattur illi jiġbor dan l-iscooter li jpoġġih fil-*pick up point* u għalhekk il-Kunsill għandu jallokaw dawn is-siti fejn għandhom jitpoġġew.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi jekk il-points ma jkunux jilħqu l-partijiet kollha ser ikollok aktar abbuz.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb nallokaw ħames siti.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi iridu noqgħodu attenti li ma niħdux parkeġġi.

Il-Kunsillier is-Sinjorina Janice Falzon qalet illi dawn jieħdu ftit spazzju ez metru b'metru joqgħodu ħames scooters.

Is-Sindku qal mela jistgħu jieħdu parkeġġ ta mutur.

Kien hemm qbil li nallokaw erba jew ħames siti fejn jistgħu jitpoġġew.

**27.7.5** **<u>Estenzjoni ta' impjieg (35/2146/21/I) (35/2139/21/O):</u>**

Dan is-suġġet ġie diskuss diġa f'sezzjoni 27.3.3

**27.7.6 Finanzjament ta' proġetti kapitali aċċessibilita' u mobilta' (35/2291/21/I):**

Is-Segretarju Ezkuttiv qal illi xtaq jinforma lill-Kunsill illi l-Kunsill rebaħ din l-iskema.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi kien hemm kwistjoni fuq il-vann li l-Kunsill kellu jixtri li kien ta ditta partikolari u elettroniku pero tkellmet mad-Dipartiment u jidher li din id-ditta partikolari li kienu jġibu vannijiet eletroniċi aċċessibli għal wheelchair m'għadhomx jiġu manifatturati pero fl-ispeċifikazzjonijiet li nizzel il-Kunsill aħna tlabna għal van hybrid fejn jezistu vannijiet li huma aċċessibli għal wheelchair u huma hybrid ta ditti oħra għalhekk nistgħu noħorġu t-tender fuq dawn l-ispeċifikazzjonijiet, il-Viċi Sindku kompliet tgħid illi infurmawha ukoll illi jekk il-Kunsill jixtieq joħroġ is-sejħa aktar b'urġenza jistgħa jagħmel dan ukoll.

Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa jekk il-Viċi Sindku għandiex ideja kemm jiswa dan il-van għaliex il-Kunsill rebaħ is-somma ta' €28,500 li zgur mhijiex bizzejjed.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi ma dawk nistgħu napplikaw għal fondi mingħand Transport Malta.

Is-Sindku qal illi kif qal qabel illi hu ma jbezzawx il-fatt li jinxtara l-van pero kif ser tkun il-proċeduta biex ngħatu dan is-servizz huwa xi jbezzaw għaliex il-ħaddiema tal-Kunsill għandhom diġa ħafna xogħol u mhumiex ser ilaħqu ma din ukoll fejn hija biċċa xogħol iebsa biex tqassam l-appuntamenti kollha ta' kuljum.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi ma thossx li għandna naqtaw qalbna għaliex Kunsilli oħra irnexxielhom u ma tarax għalfejn il-Kunsill tagħna għandu jċaħħad lir-residenti anzjani u b'dizabilita milli jkollhom dan is-servizz fil-lokalita'.

Is-Sindku qal illi hu ftit ilu kien prova jressaq quddiem il-Kunsill ideja oħra kif din l-iskema tista tinħadem u dan permess ta' persuna oħra li tkun impjegata mid-dar tal-anzjani fejn fil-ħinijiet li suppost ikun stazzjonat ġod-dar tal-anzjani jistenna jkun jista jagħmel ftit siegħat idur bl-anzajni u n-nies b'dizabilita filwaqt li jieħu l-appuntamenti hu.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi ma oġġezzjonatx li naħdmu b'dan il-mod pero tajjeb li niddiskutu aħjar x'jista jsir wara li jinxtara l-van u ngħamlu arranġament li jkun tajjeb kemm għad-dar tal-anzjani kif ukoll għal Kunsill.

Is-Sindku qal illi la titlesta l-binja tal-Kunsill hemm biċċa spazzju li hija tal-Kunsill fejn dan il-van jistgħa jitpoġġa fiha għaliex fil-garaxx ma joqgħodx.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi nistgħu nibbenefikaw mill-iskema meta niskrapjaw il-van tal-Kunsill antik.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi aħna diġa spejgajnilhom li l-Kunsill ser ikun qed jiscrapja l-van l-antik u nkunu nistgħu nieħdu l-flus tiegħu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal mela din tajjeb li nnizluha fit-tender sabiex id-dealer li nkunu qed nixtru l-van mingħandu jigwidana biex nieħdu dawn il-fondi biex jintrema dak antik.

Kien hemm qbil unanimu.

**27.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**27.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-pagamenti li daħlu tard sabiex jitħalsu:

Dennis Agius – Inv 00061- Service of lifter -€100.30
Perit william lewis- Inv 262/2021 – Investigation for the proposal connection between Triq San'Antnin and Triq San Gwakkin - €10,030.00

**27.8.2** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi jekk il-Kunsill rċieva ir-rapport tal-Perit William Lewis tajjeb li jgħaddih lill-Kunsilliera.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu rċieva l-kont pero mhux ir-rapport pero la darba jirċivih jgħaddih lill-Kunsilliera kif ukoll jipprezentah fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**27.8.3** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi xtaq jitkellem fuq il-problema tal-islime li hemm fil-baħar bħalissa qal illi tkellem mad-direttorat mas-Sur Charlon Gouder kif ukoll tkellmet miegħu l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon fejn infurmana li kien hemm xi ħsarat u tkellem mat-tlett operaturi sabiex inaddfu l-ħmieġ li kien hemm fil-baħar pero din is-sena ġrat biss darbtejn.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din qed tirrepeti ruħa ta' spiss u sa filgħodu kien għad hemm il-ħmieg fil-baħar.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi is-Sibt irraporta u l-ħadd ġew tal-Era u ħadu xi samples.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li dan iz-zejt ma jitnaddafx waħdu izda irid jiġi l-operatur inaddfu pero din mhijiex is-soluzzjoni għaliex hekk il-ħsara tkun diġa saret.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi tajjeb li jġu mmultati.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tlieta mill-erba operaturi ġew imġela inaddfu, hu qal illi qabel kienu jitfaw kemm jifilħu ħut sabiex jikluh it tonn pero imbghad bdew juzaw proċedura oħra fejn il-bugħaddas ikollu gadget fejn minnu joħroġ il-ħut u meta jara li it tonn kil u xeba ma jerġgħax jitfa aktar pero hu infurmat illi kien hemm leak taz-zejt minn ġol gaġġa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi talbet spjegazzjoni għaliex kien kaz esaġerat u suppost ser jibgħatu korrispondenza lill-Kunsill fejn jispjegaw x'passi ser jittieħdu biex dan ma jerġgħax iseħħ.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi innota li l-Bajja San Tumas għadha mimlija b'dan iz-zejt u ma jistgħax jifhem kif dawn l-affarijiet jibqgħu jiġru kull sena u dejjem isibu l-iskuzi għalhekk hu jħoss li l-Kunsill għadnu joħroġ stqarrija għaliex dawn l-izbalji qed ibatuhom ir-residenti.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi skond kif inhu infurmat din id-darba dan iz-zejt ma ġiex ikawzat minħabba l-qtil tal-ħut izda minħabba ħsarat li kellhom fil-gagga u hu jixtieq li l-Kunsillier jattendu miegħu fuq il-post biex jaraw ezattament kif jaħdmu dawn l-operaturi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jħoss li l-Kunsill għandu jkellem lill-ERA għaliex jekk dan ma kienx qed jopera sew kellu jitwaqqaf jew jintbgħat post ieħor.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu jifhem li r-residenti ser jilmentaw mall-Kunsill fuq dawn in-nuqqasijiet pero min naħa tagħna aħna nistgħu biss ngħaddu l-ilmenti tagħna lid-direttorat.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-problema hi li mhux l-operaturi kollha jgħamlu parti mill-federazzjoni għaliex hemm operatur wieħed li ma jagħmilx parti minnha allura huma ma jistawx jimponu fuqu biex inaddaf kif jgħamlu mal-oħrajn.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan qal la dan l-operatur ma jagħmilx parti mill-federazzjoni xejn mhu qed izommu biex ikompli jkollu dawn in-nuqqasijiet.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk dan l-operatur li kellu dan in-nuqqas huwa l-istess wieħed li jkun San tumas?

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu ma jafx min kellu n-nuqqas mill-operaturi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal iġifieri l-ERA ma kinitx kapaċi tistabilixxi min kien l-operatur li għamel din il-ħsara fl-ibħra tagħna u għalhekk is-Sur Charlon Gouder għandu jerfa r-responsabilita' u jara min kien li għamel il-ħsara u jittieħdu passi.

Is-Sindku qal illi hu qed jispejga x'qal lilu u s-Sur Gouder kien inkwetat ħafna pero nistgħu niktbulu sabiex itina aktar dettalji ta x'ġara.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi jekk hemm bzonn jittieħdu passi.

Is-Sindku qal illi l-passi iridu jittieħdu mid-direttorat mhux min naħa tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal jissuġerixxi li niktbu lil ERA li hija l-entita li toħroġ il-permess u ngħidu li dan il-kuntrattur li qed jgħamel il-ħsara kull sajf għandu jittiħidlu l- permess.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma nafux huwiex l-istess kuntrattur li qed jgħamel il-ħsara kull sena.

Il-John qal illi hu ma jinterresahx liema hu l-operatur pero dak li qed jgħamel din il-ħsara għandu jittiħdlu l-permess.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud staqsiet jekk dan jeħilx multa.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-operatur li mhux qijed fil-federazzjoni li għandhom ċertu standards anke fuq it-tip ta' ħut li qed tixtri issa s-Sur Charlon Gouder kien ċar li l-operaturi li qegħdin fil-federazzjoni jistajkun qed jgħamlu zbalji pero għandhom ċertu standards li qed izommu magħhom pero l-ieħor li m'huwiex m'għandux dawn l-obligi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi llum il-ġurnata f'Marsaskala daħħalna ċertu dixxiplina li min jarmi borza ħdejn skip jeħel multi kbar u allura dan l-abbuz kbir mal-kosta mhux qed jeħel xejn.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma jistgħax jobliga l-awtorita' izda nistgħu ngħidu li l-Kunsill jixtieq li min għamel ħsara jittieħdu passi kontrih.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li ngħamlu aktar ħoss u ngħamlu pressjoni mall-ERA.

Is-Sindku qal illi ma jħossx li għandna naqbzu l-awtorita. Il-Kunsill ma jridx kumpens imma li l-operatur responsabbli jiġi ppenalizzat tal-ħsara li saret fil-lokalita' tagħna .

Kien hemm qbil unanimu illi nibghatu lill ERA fejn ngħidu li l-passi li qed jittieħdu mhu qed naslu mkien u hemm bzonn li jingħataw pieni għal dawn li qed iħamġu l-baħar.

**27.8.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-van tal-Epic li qed ikun mal-promenade hux qed jopera bil-permess tal-Kunsill.

Is-Sindku infurmah illi qed jinħareġ permess mill-Kunsill.

**27.8.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk il-persuna li qed jarma bil-qubbajd huwiex il-permess tal-Kunsill

Is-Sindku wieġeb li jiġi l-Kunsill jagħmel permess kull ġimgħa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa għaliex qed jokkupa l-passaġġ.

Is-Sindku qal illi kemm tal-qubbajd kif ukoll tal-Epic qalilhom hu biex joqgħodu fil-passaġġ sabiex ma jokkupawx il-parkeġġi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tal-qubbajd kull ma ħalla hu metru min fejn jgħaddu in-nies u għalaq il-promenade.

Is-Sindku qal illi jekk għamel hekk ħazin u tajjeb li s-Sur John B Camilleri infurmah ħalli jkellmu.

Kien hemm qbil li nkellmuh.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi apparti min hekk hemm persuna li qed tarma bix-xugamani f'San Tumas.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi min naħa tiegħu informa lill-Pulizija dak il-ħin stess.

**27.8.3** ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli ssekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

- ***Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ħareġ mil-laqgħa fit-8:00pm.***

* Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi avviċinawha l-girl guides għaliex fid- 9 ta' Settembru jixtiequ li juzaw is-simenta ta wara grezzju u jekk il-Kunsill jistgħax jgħamel avvizi biex dik l-area tkun għalihom għaliex ser jgħamlu xi water games.

Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemmhekk pubbliku u ma tistax tkeċċi lil ħadd.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi jgħumu jistgħu pero fuq is-simenta ngħamlu avvizi biex ma joqgħod ħadd.

Sindku staqsa kemm għandhom bzonn mill-area.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet ma tafx ezat pero tiċċekkja magħhom.

* Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet fuq il-mozzjoni li kienet saret fuq ir-rotta 91 taz-Zonqor.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għad m'għaniex risposta anke jekk għamilna reminder.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi nistgħu nagħmlu laqgħa magħhom.

Sar qbil li nitolbu laqgħa.

* Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk nistgħux nistaqsu lil TM sabiex jgħamlu sleeping police man fi Triq tal-Buttar fejn saret it-triq il-ġdida għaliex qed tkun ta periklu bis-sewqan li qed isir f'din it-triq.

Is-Sindku qal illi meta jitolbu sleeping policeman tajjeb li jkollna petizzjoni li r-residenti jaqblu għaliex din tikkawza ħadna ħsejjes għal persuna li jkun joqgħod quddiem din l-isleeping policeman.

* Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi qed ikun hemm ħafna ilmenti li l-kenniesa mhux qed izommu mas-schedule li ippublikajna fuq il-paġna tal-Kunsill.

Is-Sindku qal b'erba ħaddiema ma tistax tlaħħaq tagħmel dawk it-toroq kollha u għal tender ieħor hemm bzonn li jkun hemm min tal-inqas għaxar kenniesa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li dlg kien ghamel studju kemm fiha triqat il lokalita' u kemm suppost ikun hemm kenniesa u jidher li Marsaskala suppost ikun hemm għaxar kenniesa u allura kif aħna ħriġna tender mhux kif suppost u hemm bzonn nesiġu li l kuntrattur itina aktar kenniesa.

Is segretarju ezekuttiv qal li dan ma jistax isir issa la hemm it-tender fis-seħħ u jekk il-Kunsill joħroġ tender b'għaxar kenniesa l-ammont ser ikun ħafna għola minn dak fil-prezent meta tqis kemm il-Kunsill jonfoq flus fuq is-servizz tal-Bulky refuse jekk il-Kunsill mhux ser ikollu aktar allokazzjoni ma jistgħax joħroġ aktar flus milli għandu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-kenniesa li għandna jagħmlu mill-aħjar li jistgħu pero ma jistgħux ilaħqu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi ħafna drabi jara lill-kenniesa għaddejin tnejn tnejn minflok jinfirxu.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi biex triq tagħmilha sew triq tibda mil-bankina umbagħad tgħaddi min nofs tat-triq u lura fuq il-bankina b'hekk ikun hemm tnejn fl-istess triq.

Is-Sindku qal illi l-iskeda qeda ħazin u ser nerġgħu nirranġawha.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa jekk it-tneħħija tal-ħaxix min mal-bankina għadux isir.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi fil-laqgħa li kellu hu flimkien mall-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon u l-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri mall-Bees Association qalulna li l-aħjar mod li jitneħħa il-ħaxix mingħajr ma nuzaw bexx huwa bil-blow lamp li l-quddiem nixtru pero fil-frattemp qed nagħmlu uzu mill-power wash li xtrajna u qed tiswa ta' ġid kbir.

**27.9 <u>Mozzjonijiet:</u>**

**27.9.1 <u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Ryan Portelli (#072-28/7/21):</u>**

*"Jipproponi biex tiġi rrestawrata l-lanċa li fuqha kienet ġiet l-istatwa devota ta' Sant' Anna, li tinsab fid-dawra ta' Triq id-Daħla ta' San Tumas, u titqiegħed biswit il-knisja, f' art identifikata hawn anness. Dan fid-dawl tal-75 sena Anniversarju li se jkun iċċelebrat fil-lokal tagħna s-sena d-dieħla. Nifhem li din l-art hi propjeta tal-Knisja, għaldaqstant, nixtieq li nibdew il-proċess biex il-kleru u l-Kurju, ikunu magħrfa bl-intenzjoni tagħna''*

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi hu xtaq li jpoġġi din għad-diskussjoni minħabba li l-paroċċa ser kun qed tiċċelebra l-75 anniversarju u l-Kunsill għandu lanċa li qeda fid-daħla ta' San Tumas u xtaq li jsir restawr tagħha u titpoġġa f'zona qrib il-paroċċa jew fiċ-ċentru ta' Marsaskala flimkien ma plakka bi spjegazzjoni ta dan l-anniversarju u nkunu qed ngħatuha l-importantza li jistħoqila.

Is-Sindku qal illi hu qed jara li l-lanċa hija kbira wisq.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hemmhekk kellu jsirilha id-dawl u l-ħamrija.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal illi ser jieħu l-qisin tagħha u jara jekk hijiex addatata.

**27.9.2 Mozzjoni mressqa mis-Sindku - s-Sur Mario Calleja u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (#073-04/08/21):**

"*Jipproponi biex tinxtara powerwash sabiex jitnaddaf il-promenade*."

Din il-mozzjoni ġiet irtirata.

**27.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8:30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar lil-Ħamis 23 ta' Settembru 2021 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 23 t'Awwissu 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |